Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 64/2013

**Joseph u Joyce konjuġi Genovese**

(ID. No. 321051M u 142954M rispettivament)

**vs**

**Mario u Gwendolen Debattista**

(ID. No. 410579 u 532881M rispettivament)

**u Mark Vella, Raymond Casha u l-Perit Anton Zammit**

li ġew kjamati fil-kawża permezz ta' digriet tal-1 ta' Awwissu 2014

16 ta' Marzu 2018

1. **Din il-kawża tirrigwarda talba għall-ħlas ta' €3,200 in linea ta' danni allegatament ikkawżati fil-fond tal-atturi bħala konsegwenza tax-xogħlijiet li saru fil-fond tal-konvenuti.**

2. B'avviż tad-19 ta' Frar 2013 ippreżentat fit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, l-atturi Joseph u Joyce konjuġi Genovese ilmentaw illi l-fond tagħhom (Joseville, 18, Triq it-Tjieba, Żurrieq) ġarrab ħsarat fix-xorok bħala konsegwenza ta' xogħljiet li ma sarux skont l-arti u s-sengħa fil-fond tal-konvenuti (57, Carmel Street, Żurrieq). Spjegaw li l-ħsarat fix-xorok *"komplew jiżviluppaw matul is-sena elfejn u tnax".* Għalhekk talbu li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuhom is-somma ta' €3,200 in linea ta' danni.

3. Fir-risposta tagħhom tat-22 ta' Marzu 2013 il-konvenuti eċċipew:

*(i)* *preliminarjament, l-inkompetenza tat-Tribunal ratione materiæ;*

*(ii)* *illi bla preġudizzju għas-sueċċepit, huma ma kkaġunaw l-ebda ħsara fil-fond tal-atturi;*

*(iii)* *illi ma huma responsabbli għall-ebda ħsara kkaġunata fil-fond tal-atturi stante li x-*

*xogħlijiet ma sarux minnhom iżda mill-bennejja Mark Vella u Raymond Casha u dan taħt struzzjonijiet u fuq superviżjoni tal-Perit Anton Zammit;*

*(iv) illi għalhekk, sabiex il-ġudizzju jkun integru, jeħtieġ li jiġu kjamati fil-kawża l-imsemmija Mark Vella, Raymond Casha u l-Perit Anton Zammit;*

*(v) illi l-kawża hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi jew il-kjamati fil-kawża, inklużi l-ispejjeż tal-protest ġudizzjarju datat 5 ta' Mejju 2011.*

*(vi) Salv risposti ulterjuri.*

4. <u>Fl-4 ta' Lulju 2014</u> it-Tribunal permezz ta' sentenza preliminari ċaħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' kompetenza tiegħu *ratione materiæ* u ordna l-prosegwiment tas-smiegħ tal-kawża fil-mertu. Huwa ordna li l-ispejjeż tas-sentenza preliminari ikunu a karigu tal-konvenuti.

5. <u>Fl-14 ta' Lulju 2014</u> il-konvenuti talbu li jiġu kjamati fil-kawża Mark Vella, Raymond Casha u l-Perit Anton Zammit.

6. <u>Fl-1 ta' Awwissu 2014</u> it-Tribunal laqa' t-talba tal-konvenuti u ordna li jiġu kjamati fil-kawża l-istess Mark Vella, Raymond Casha u l-Perit Anton Zammit.

7. <u>Fir-risposta tiegħu tal-4 ta' Settembru 2014</u> il-kjamat fil-kawża il-Perit Anton Zammit eċċepixxa:

*(i) illi t-talbet u fil-konfront tiegħu huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li kienet inutli l-kjamata fil-kawża tiegħu, tant li ipprotesta ruħu għall-ispejjeż;*

*(ii) illi huwa wettaq l-inkarigu tiegħu fil-post tal-konvenuti mill-bidu sal-aħħar, u skont l-arti u s-sengħa, u bil-prudenza u l-attenzjoni li titlob il-professjoni tiegħu;*

*(iii) illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kwalsiasi dannu allegat irid jiġi ppruvat sodisfaċentement mill-atturi.*

*(iv) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri*[1].

8. <u>Fir-risposta tiegħu tas-26 ta' Settembru 2014</u> il-kjamat fil-kawża Mark Vella eċċepixxa:

*(i) illi l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;*

[1] Fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2014 talab li jressaq eċċezzjoni ulterjuri dwar il-preskrizzjoni (Art.2153).

*(ii)* *illi bla preġudizzju, fuq il-lant ħadmet persuna oħra warajh u għalhekk il-ġudizzju mhux integru;*

*(iii)* *illi bla preġudizzju huwa ħadem skont is-sengħa u l-arti u skont l-istruzzjonijiet tal-Perit Zammit;*

*(iv)* *illi bla preġudizzju qed jikkontesta l-kwantum tal-ħsarat, liema ħsarat għandhom jiġu ppruvati.*

*(v)* *Salv eċċezzjonijiet oħra.*

9. <u>Fir-risposta tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2014</u> il-kjamat fil-kawża Raymond Casha eċċepixxa:

*(i)* *preliminarjament, l-inkompetenza tat-Tribunal ratione materiæ*[2]*;*

*(ii)* *illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-azzjoni hija preskritta fil-konfront tiegħu ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;*

*(iii)* *illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-atturi għandhom jippruvaw li huma s-sidien veri tal-fond li allegatament sofra d-danni;*

*(iv)* *illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, huwa kien biss kuntrattur li ħadem fuq l-iskavar fil-fond in kwistjoni, u bl-ebda mod ma kien involut fil-bini tal-istess, għajr li kien jiġbor il-materjal ordnat mill-bennej Mark Vella, u fil-kumplament ma kellu l-ebda involviment fil-kostruzzjoni tal-fond in kwistjoni u għalhekk ma jaħti għall-ebda danni;*

*(v)* *illi fi kwalsiasi każ huwa segwa l-istruzzjonijiet professjonali tal-perit Anton Zammit u għalhekk m'għandux jaħti;*

*(vi)* *illi mingħajr preġudizzju għas-suespost huwa mhux responsabbli lejn l-atturi stante li jekk jirriżulta li huwa minnu li l-fond in kwistjoni ġarrab danni, dan seħħ konsegwenza ta' forza maġġuri u/jew fatti oħra li huwa ma kellux kontroll fuqhom;*

*(vii)* *illi fil-kumplament it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

10. <u>Fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2014</u> il-kjamat fil-kawża Raymond Casha irtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu dwar l-inkompetenza *ratione materiæ*, filwaqt li t-Tribunal laqa' t-talba tal-kjamat fil-kawża l-Perit Anton Zammit li jressaq eċċezzjoni ulterjuri dwar il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153.

11. <u>Fit-12 ta' Ġunju 2015</u> it-Tribunal laqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni biennali (Artikolu 2153, Kodiċi Ċivili) sollevata mit-tlett kjamati fil-kawża in kwantu l-ħsara fix-xorok lamentata mill-atturi ġiet osservata f'xi żmien qabel l-20 ta' Settembru 2010 u ma ġie ppreżentat l-ebda att ġudizzjarju qabel ma ġiet

[2] Din l-eċċezzjoni ġiet irtirata fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2014.

proposta l-azzjoni odjerna fid-19 ta' Frar 2013, u ċaħad it-talba tal-atturi. Inoltre, ordna li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, b' dan li l-ispejjeż tas-sentenza preliminari ikunu a karigu tal-konvenuti.

12. L-atturi ħassew ruħhom aggravati b' din id-deċiżjoni u għalhekk fl-1 ta' Lulju 2015 intavolaw rikors tal-appell quddiem din il-qorti fejn talbuha tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tirrimetti l-atti lura lit-Tribunal sabiex ikompli bil-prosegwiment tal-kawża fuq il-mertu.

13. **L-aggravju tal-atturi:**

L-atturi appellanti jfakkru illi s-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2015 suppost kellha tittratta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata biss mill-kjamati fil-kawża. Jenfasizzaw illi l-konvenuti konjuġi Debattista ma eċċepewx il-preskrizzjoni, la fir-risposta tagħhom u lanqas fil-mori tal-kawża u jaċċennaw għall-fatt li l-preskrizzjoni mhix sollevatbbli *ex officio* (Artikolu 2111). Jilmentaw illi meta t-Tribunal iddeċieda li l-azzjoni tagħhom kienet preskritta anke fil-konfront tal-konvenuti huwa mar kontra d-dettami espressi kemm fil-liġi kif ukoll fil-ġurisprudenza.

14. Fis-6 ta' Ġunju 2015 il-kjamat fil-kawża Mark Vella ppreżenta r-risposta tiegħu għall-appell tal-atturi. Huwa sostna li s-sentenza hija korretta u timmerita konferma limitatament għal fejn huwa u l-kjamati fil-kawża l-oħra ġew illiberati mill-osservanza tal-ġudizzju. Huwa qabel illi ladarba l-konvenuti qatt ma eċċipew il-preskrizzjoni, l-istess konvenuti ma setgħux jiġu lliberati taħt l-istitut tal-preskrizzjoni. Huwa issottometta pero' illi din il-qorti għandha tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti fejn illiberat il-kjamati fil-kawża, u tvarja l-effetti tagħha biss fil-konfront tal-konvenuti Debattista.

15. Fil-21 ta' Lulju 2015 il-konvenuti Debattista ppreżentaw ir-risposta tagħhom għall-appell tal-atturi. Huma sostnew li l-appell huwa irritu u null għas-segwenti raġunijiet:

(i) Jaċċennaw għall-fatt illi l-atturi qed jitolbu r-revoka tas-sentenza kollha u mhux ir-riforma tagħha limitatament għall-aggravju tagħhom li t-Tribunal ittratta eċċezzjoni li ma ngħatatx minnhom (il-konvenuti) iżda biss mill-kjamati fil-kawża. Isostnu li kien jagħmel iktar sens fid-dawl ta' dan l-aggravju, li tintalab biss revoka tal-parti fejn it-Tribunal ċaħad it-talbiet tal-atturi, u se mai jiġu liberati biss mill-osservanza tal-ġudizzju l-kjamati fil-kawża, u l-atti jiġu rimessi lura għall-prosegwiment tal-kawża fil-konfront tagħhom (il-konvenuti) biss.

(ii) Jargumentaw ukoll illi ladarba jirriżulta ġia bħala prova li l-azzjoni hija preskritta, allura dan għandu jolqot ukoll l-azzjoni fil-konfront tagħhom, għaliex kif fil-fatt jirriżulta mill-provi, l-azzjoni hija preskritta fil-konfront tagħhom ukoll. Jaċċennaw għall-fatt illi l-atturi appellanti stess mhux qed jikkonsidraw il-kunsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal dwar il-fatt *per se* li l-azzjoni hija preskritta.

16. Bla preġudizzju għas-suespost, il-konvenuti appellati Debattista fl-istess risposta tal-appell tagħhom talbu l-awtorizzazzjoni ta' din il-qorti biex iressqu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni f' dan l-istadju, u dan ai termini tal-provvediment tal-Artikolu 2112 tal-Kodiċi Ċivili (li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tingħata f' kull waqt tal-kawża, imqar fl-appell). Huwa ppreżentaw ukoll rikors f'dan ir-rigward u annettew risposta ulterjuri (Dok MDX1) għall-Avviż tal-atturi, fejn eċċipew illi l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16.

17. B'digriet tad-29 ta' Lulju 2015 din il-qorti irriteniet li m'hemmx il-ħtieġa li jingħata provvediment dwar it-talba tagħhom li jiġu awtorizzati iressqu tali eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, u dan peress li l-liġi stess tikkontempla li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tingħata ukoll fl-istadju tal-appell (Art 2112, Kap 16) u ma hemmx ħtieġa li jintalab il-permess tal-qorti biex tingħata tali eċċezzjoni (Art 728(2), Kap 12).

18. Fil-21 ta' Lulju 2015 il-kjamat fil-kawża Raymond Casha ippreżenta r-risposta tiegħu għall-appell tal-atturi. Huwa aċċenna għall-fatt illi l-atturi appellanti bl-ebda mod ma ressqu xi argumenti dwar id-deċiżjoni tat-Tribunal in kwantu huwa kkonkluda li l-azzjoni hija preskritta fil-konfront tal-kjamati fil-kawża, u li qegħdin jilmentaw biss mill-fatt li t-Tribunal iddeċieda li t-talbiet kienet preskritti fil-konfront tal-konvenuti Debattista ukoll. Għaldaqstant ma jaqbilx illi s-sentenza tiġi revokata *in toto*, u jsostni li din il-qorti għandha tikkonfermaha limitatament in kwantu hija lliberat lill-kjamati fil-kawża mill-osservanza tal-ġudizzju u tvarja l-effetti tagħha fil-konfront biss tal-konvenuti Debattista.

19. Fit-3 ta' Settembru 2015 il-kjamat fil-kawża Raymond Casha ippreżenta r-risposta tiegħu għall-appell tal-atturi. Huwa ma qabilx mat-talba tal-atturi kif formulata fir-rikors tal-appell tagħhom, u cioe` li tiġi mħassra s-sentenza appellata fl-intier tagħhom. Sostna li s-sentenza appellata timmerita konferma in kwantu intlaqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-kjamati fil-kawża.

20. Fl-1 ta' Diċembru 2017 din il-Qorti tal-Appell iddeċidiet l-appell tal-atturi. Hija osservat illi l-appell tagħhom kien limitat għal dik il-parti tas-sentenza li tikkonċerna lill-konvenuti Debattista u irriteniet illi ġialadarba l-ilment tagħhom hu biss fil-konfront tal-konvenuti Debattista, ma kienx hemm bażi legali sabiex l-istess atturi jitolbu t-tħassir tas-sentenza kollha. Għalhekk:

(i) Varjat is-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2015 in kwantu ddikjarat illi d-deċiżjoni tat-Tribunal li l-azzjoni hija preskritta ma tapplikax għall-konvenuti Debattita ladarba dawn ma ssollevawx eċċezzjoni f'dan ir-rigward;

(ii) Ordnat li l-ispejjeż tal-appell jiibqgħu bla taxxa bejn l-atturi u l-konvenuti, filwaqt li l-ispejjeż tal-kjamati fil-kawża ikunu a karigu tal-atturi ladarba talbu r-revoka tas-sentenza meta ma pproponew l-ebda aggravju fir-rigward tal-istess kjamati fil-kawża;

(iii) Ordnat li jinstemgħu il-provi dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li ġiet issollevata mill-konvenuti Debattista f' dan l-istadju tal-appell.

## **L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenuti Debattista:**

*Artikolu 2153*

21. Din is-sentenza hija limitata għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni biennali (Art.2153) sollevata mill-konvenuti Debattista f'dan l-istadju tal-appell.

*"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn."*

*Kronoloġija skont l-atturi Joseph Genovese:*

22. L-attur Joseph Genovese[3] xehed illi l-ħsarat bdew bejn Awwissu u Settembru 2010. Qal li fi Frar 2011 inkiser xorok[4] *(sic),* f' Lulju 2011 inqasmu erba' xorok oħra, u f' Settembru 2012 inqasam xorok *(sic)* ieħor fis-salott. Qal li sa llum dawn għadhom imkissrin. Spjega li l-ewwel darba li kellem lill-konvenut kien meta nkissru l-ewwel erba' xorok. Qal li reġa' kellmu meta nkiser il-ħames wieħed u meta ra li ma kienx ser isewwi ma reġax kellmu. Xehed illi bagħat ittra uffiċjali qabel ma ppreżenta l-kawża iżda ma jafx jekk ġietx notifikata lill-konvenuti. Qal li sa fejn jiftkar hu il-konvenuti bdew ix-xogħlijiet fl-2009 u meta bdew jinkisru x-xorok ix-xogħol kien ilu li tlesta. Qal li l-perit Anton Zammit mar għandu meta inkisru l-ewwel erba' xorok.

*Kronoloġija skont il-konvenut Mario Debattista:*

23. Il-konvenut Mario Debattista[5] xehed illi x-xogħol li kien sar fil-fond tiegħu tlesta fl-2008. Spjega illi l-ewwel xogħol li kien sar kien proprju is-saqaf tal-konkos. Qal li l-ewwel darba li avviċinah l-attur biex jgħidlu li kienu inkisrulu xi xorok kien fil-11 ta' Settembru 2010 u għalhekk l-għada huwa ċempel lill-perit Anton Zammit li kien il-perit inkarigat mill-proġett. Qal li wara l-ilment tal-attur il-perit Zammit kien mar jispezzjona l-fond tal-atturi u hu kien daħal miegħu.

[3] Xiehda ta' Joseph Genovese tal-11.12.2017 (fol. 50).
[4] *xorok* huwa fil-plural.
[5] Xiehda ta' Mario Debattista tal-11.12.2017.

Xehed illi l-attur ma reġax infurmah illi inkisrulu xorok oħra. Huwa ċaħad li qatt irċieva xi ittra uffiċjali. Spjega li għalkemm qatt m'aċċetta responsabbilta`, f'Diċembru 2010, bla preġudizzju, kien dispost li jibdel ix-xorok li nqasmu għas-sempliċi raġuni li ma xtaqtx jidħol f' kwistjonijiet mal-ġar.

*Kronoloġija skont id-dokumenti:*

24. Din il-qorti ser telenka b'mod kronoloġiku r-rapporti peritali, il-korrispondenza bejn il-partijiet, u dokumenti oħra relatati mal-kwistjoni tax-xorok:

| | |
|---|---|
| 31.07.2008 | Il-perit Anton Zammit (il-perit li kien ħa ħsieb il-proġett fid-dar tal-konvenuti) bagħat ittra lill-atturi Genovese[6] b'riferenza għax-xogħol li kien qed isir fil-fond tal-konvenuti (li parti minnu jiġi sottostanti l-fond tal-atturi). Huwa infurmahom illi l-ġimgħa ta' wara kien ser jingħata s-saqaf superjuri tal-konkos:<br><br>*"Nirreferi għax-xogħol ta' kostruzzjoni li qiegħed isir fi Triq il-Karmnu, illi parti minnu jiġi fuq is-saqaf tad-dar tiegħek. Nixiteq ninfurmak illi s-saqaf superjuri tla-konkos ser jingħata nhar l-Erbgħa, 6 ta' Awwissu 2008."* |
| 01.08.2008 | L-imsemmija ittra ġiet notifikata lill-atturi. |
| 19 sa 22.08.2010 | Skambju ta' *emails* bejn il-perit Maria Vella (perit tal-atturi) u l- Perit Anton Zammit fejn iddiskutew minn punto di vista teknika kif setgħu jinbiddlu x-xorok imkissra. |
| 06.10.2010 | Rapport tal-perit Anton Zammit wara spezzjoni li huwa għamel fid-dar tal-atturi sussegwentement għall-ilment tagħhom dwar ix-xorok.<br><br>Huwa fl-ewwel lok spjega illi kien diġa spezzjona d-dar tal-atturi qabel ma saru x-xogħlijiet fid-dar tal-konvenuti u kompla jgħid illi dakinhar kien ikkonstata:<br><br>*"...that two in number xorok tal-qasba had been replaced with concrete years before this event. The owner of the property Josvil took the opportunity to inform us that he would replace the said concrete with xorok during the course of our works. This replacement was carried out after demolition of the overlying floor and was not* |

[6] Dok AZ1, fol 55.

*carried out under my supervision."*

Huwa spjega illi x-xorok li inqasmu (mertu tal-kawża) huma fil-fatt xorok li jinsabu bejn iż-żewġ xorok (imsemmija) li l-atturi kienu bidlu[7]. Skont hu inqasmu għaliex iż-żewġ xorok li bidlu l-atturi ma ġewx inkulmati u dan affettwa s-saħħa tax-xorok adjaċenti, inkluż dawk in kwistjoni, li fil-fatt inqasmu:

*"The removal of the two xorok and replacement was not carried out in accordance to the requirements imposed by a mason's trade, since they were not "inkulmati" and that is properly laid and bonded together. The fact that the new xorok were loose resulted in the adjacent xorok not being properly bonded together and severly diminishing their tensile strength. This finally resulted in the said slabs failing as reported above…."*

03.12.2010 Ittra "bla preġudizzju" mibgħuta lill-attur John Genovese mid-difensur tal-konvenut fejn infurmah illi għalkemm il-konvenut l-ebda mod ma kien qed jaċċetta r-responsabbilta` għall-ħsarat fix-xorok, b' sens ta' rieda tajba bħala ġirien kien dispost li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż sabiex jinbiddlu tali xorok, dan pero` b' ċertu kundizzjonijiet: li x-xogħol isir taħt is-superviżjoni ta' perit tal-fiduċja tal-attur, li huwa bl-ebda ma kien ser jieħu responsabilita` għal xi ħsara li tista' ssir lill-kumplament tax-xorok waqt l-intervent, u li l-intervent rimedjali kellu jsir kollu fuq il-proprjeta` tal-attur. Għalhekk talab li ssir kitba f' dan is-sens.

25.01.2011 Ittra "mingħajr preġudizzju" mibgħuta lill-konvenut Mario Debattista mid-difensur tal-atturi bi tweġiba għall-ittra tat-03.12.2010 fejn infurmatu illi ladarba l-ħsara fix-xorok ġiet ikkaġunata minħabba xogħol ħażin li sar fil-fond tiegħu (tal-konvenut), l-atturi ma kienu ser jiffirmaw l-ebda skrittura biex jeżoneraw lill-istess konvenut mir-responsabilitajiet legali tiegħu.

11.02.2011 Ittra "mingħajr preġudizzju" mibgħuta lill-konvenut Mario Debattista mid-difensur tal-atturi bi tweġiba għall-ittra tat-03.02.2011 (mhux esebita) li fiha infurmatu li l-atturi kienu qed jirrespinġu l-allegazzjoni li l-ħsarat fix-xorok ġew ikkaġunati minħabba intervent ħażin li sar minnhom stess. Sostniet illi huma kienu fil-fatt biddlu ż-żewġ xorok fuq talba tal-konvenut stess u fuq struzzjonijiet tal-perit tiegħu u x-xogħol kien sar minn nies inkarigati mill-istess konvenut. Kompliet tgħid illi ż-żewġ xorok għalhekk

[7] Dan ikkonfermah ukoll fix-xiehda tiegħu tal-10.11.2014.

inbiddlu biex jakkomodaw lilu (il-konvenut) u jkun jista' jagħmel ix-xogħlijiet fil-fond tiegħu. Għalhekk reġgħet infurmatu li l-atturi ma kinux disposti jiffirmaw skrittura biex jesonerawh mir-responsabbilta` u anżi avżatu li jekk il-ħsarat ma jissewwewx b'mod bonarju l-atturi kienu ser jipproċedu kontrih.

| | |
|---|---|
| 16.02.2011 | Ittra "<u>bla preġudizzju</u>" mibgħuta lill-atturi konjuġi Genovese mid-difensur tal-konvenut li permezz tagħha informa lill-atturi illi l-konvenut kien qed jirrespinġi kwalunkwe pretenzjoni magħmula fl-ittra tal-11.02.2011 peress li mhux minnu li x-xorok tbiddlu fuq talba tal-konvenut, fuq struzzjonijiet tal-perit tiegħu u li tali xogħol ta' tibdil sar minn nies inkarigati mill-istess konvenut. |
| 04.04.2011 | <u>Rapport tal-perit A.C. Bezzina (perit tal-atturi)</u> inkarigat mill-atturi biex jispezzjona l-ħsarat fix-xorok. Huwa spjega illi meta mar fuq il-post sab ħames (5) xorok maqsumin: erba' (4) fis-salott, u wieħed (1) fil-kċina. Skont hu dawn inqasmu minħabba li ma kienx tqiegħed "*any layer of polystryrene*" bejn ix-xorok tal-atturi u ir-"*reinforced concrete floor slab*" li tqiegħed fil-fond tal-konvenuti. Huwa iddikjara illi l-ispejjeż sabiex isiru t-tiswijiet rimedjali jammontaw għal €3,200 (mhux bil-VAT inkluż). |
| 20.04.2011 | Ittra "<u>mingħajr preġudizzju</u>" mibgħuta lill-konvenut Mario Debattista mid-difensur tal-atturi fejn infurmatu illi wara li kkonsultaw mal-Perit tal-fiduċja tagħhom ġew infurmata illi l-istima tal-ħsarat tammonta għal €3,200 u għalhekk bil-għan li l-vertenza tiġi riżolta bonarjament, interpellawh biex fi żmien jumejn iħallas tali ammont. |

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

25. L-attur xehed illi l-ewwel inqasam xriek (1) , imbagħad inqasmu erbgħa (4), u imbagħad inqasam xriek (1) ieħor. Madankollu l-verżjoni li ta dwar meta nqasmu m'hijiex verosimili. Huwa xehed illi inqasmu f' din l-ordni: wieħed (1) fi Frar 2011, erbgħa (4) f'Lulju 2011 u wieħed (1) f' Settembru 2012, u li huwa kellem lill-konvenut meta nqasmu l-ewwel erbgħa. Il-qorti tosserva:

(i) Ladarba skont l-attur l-ewwel inqasam xriek, imbagħad erbgħa xorok, imbagħad xriek ieħor, allura ma jistax wieħed jitkellem fuq "*l-ewwel*

*erbgħa"*, iżda jew l-ewwel wieħed, jew l-ewwel ħamsa;

(ii) Jirriżulta mill-iskambju tal-*emails* fuq imsemmija bejn il-perit Zammit u l-perit Vella li huwa kien fil-fatt kellem lill-konvenut f'Settembru 2010. Fil-fatt ir-rapport tal-perit Zammit huwa datat 6 ta' Ottubru 2010 u jirreferi għal "*a number of xorok*" (plural) li inqasmu *("failed").*

(iii) L-ittri "*bla preġudizzju*" li ġew skambjati bejn id-difensuri tal-atturi u tal-konvenuti bejn Diċembru 2010 u April 2011 ukoll jikkonfermaw kemm ix-xorok inqasmu qabel Diċembru 2010.

(iv) Waqt li kienet għaddejja l-korrispondenza bejn id-difensuri tal-partijiet fir-rigward tax-xorok li nqasmu, l-atturi inkarigaw lill-perit Bezzina biex jagħti stima tal-ispejjeż neċessarji sabiex il-ħsara tissewwa. Huwa f'April 2011 ikkonstata li kien hemm ħames (5) xorok[8] maqsuma u li l-ispejjeż relattivi għat-tiswija tagħhom kienu jammontaw għal €3,200.

(v) L-atturi qegħdin jitolbu l-ħlas ta' €3,200, u għalhekk huwa evidenti li t-talba tagħhom hija fir-rigward tal-ħames (5) xorok maqsuma li spezzjona l-perit Bezzina.

(vi) Kwalsiasi xorok oħra li setgħu inqasmu sussegwentement (dan qed jingħad għaliex l-attur semma' li inqasam xriek ieħor) għalhekk ma jifformawx il-mertu ta' din il-kawża.

26. Jirriżulta għalhekk li l-ħames xorok li fir-rigward tagħhom l-atturi qegħdin jippretendu l-ħlas tad-danni, kienu diġa inqasmu f' Settembru 2010 (il-korrispondenza bejn il-periti tal-partijiet titkellem fil-plural - "*stone slabs (xorok)"* - u skont l-istess attur l-ewwel inqasam wieħed imbagħad inqasmu erbgħa).

27. L-atturi ppreżentaw il-kawża fid-19 ta' Frar 2013 u għalhekk iktar minn sentejn

[8] Jidher li dawn huma l-ewwel xriek li inqasam, u l-erba' xorok li nqasmu warajh li xehed dwarhom l-attur.

wara li nqasmu l-ħames xorok mertu tal-kawża. Għalkemm l-attur xehed illi qabel ma ġiet intavolata l-kawża kien interpella lill-konvenut permezz ta' ittra uffiċjali, u għalkemm ġie verbalizzat dakinhar tax-xiehda tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2017 illi tali ittra uffiċjali kienet ser tiġi pprezentata, din baqgħet ma ġietx ippreżentata. Il-konvenut fil-fatt xehed illi ma rċeviex ittra uffiċjali.

28. Jingħad ukoll illi anke kieku kellu jiġi argumentat illi l-ittri li ntbagħtu mid-difensur tal-konvenut (minkejja li huma intitolati "*bla preġudizzju*") interrompew il-preskrizzjoni stante li kienu qegħdin jikkomunikaw lill-atturi l-offerta tal-konvenut li huwa jagħmel tajjeb għat-tiswijiet (bil-patt li ssir l-skrittura li tirrifletti l-kundizzjonijiet tiegħu), jibqa' l-fatt li l-aħħar waħda li intbagħtet (għallinqas l-iktar waħda riċenti li ġiet esebita) hija datata 16 ta' Frar 2011, u għalhekk xorta jiġi li għaddew iktar minn sentejn sakemm ġiet intavolata l-azzjoni.

29. Jirriżulta għalhekk li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bażata fuq l-Artikolu 2153 hi ġustifikata.

**Għal dawn il-motivi din il-qorti tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenuti u tiċħad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż kontrihom.**

Anthony Ellul.